**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Settembru, 2002**

**Numru 27**

**Avviz numru 1799/02JR**

**Capua Palace Limited**

**vs**

**Nadia Busuttil**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Lulju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm568.81), bilanc dovut ghall-akkomodazzjoni u servizzi medici prestati lill-konvenuta, liema somma l-konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas;**

**Illi huma dovuti mill-konvenuta wkoll l-imghaxijiet kummercjali bir-rata ta' tmienja fil-mija dekoribbli sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-Artikolu 1141(1) tal-Kodici Civili;**
**Bl-ispejjez u l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma deheritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Justyne Caruana ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tinsab soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u tmienja u sittin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm568.81), bl-imghax kummercjali mit-18 ta' Frar, 2001 sad-data tal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**